**IKLIN**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU 57 – IT-TNEJN 8 TA’ NOVEMBRU 2010**

Il-Kunsill iltaqgħa fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Sur Anthony Dalli | Sindku |
| | Sija. Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sija. Margaret Zammit | Kunsillier |
| | Sur Nazzareno Cauchi | Kunsillier |
| | Sur Alfred Naudi | Segretarju Eżekuttiv |

Il-Kunsillier Joseph Camilleri kien skużat minn qabel milli jattendi għal din il-laqgħa.

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI.**

1.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru sitta u ħamsin (56) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

1.2 Il-Kunsill approva unanimament il-korrettezza tal-minuti u ġew iffirmati mis-Sindku Anthony Dalli u s-Segretarju Eżekuttiv Alfred Naudi bħala dokument korrett.

**2. KORRISPONDENZA.**

2.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew inħarġet mill-uffiċċju bejn il-25 ta’ Ottubru u t-8 ta’ Novembru 2010.

Doc. A u B anness

**3. ILMENTI.**

3.1 Ġiet ippreżentata l-lista ta' ilmenti bejn il-25 ta' Ottobru u t-8 ta' Novembru 2010, kif tidher annessa bħala dokument C.

3.2 Rigward ilmenti fuq bozoz Nru. 133936 (Sqaq Ġarda); 133960 (Triq Gharghur); Nru. 134295 (Triq Ġuże' Ellul Mercer – L095 );Nru. 134553 (Triq Namur); 134555 (Triq Plejju); Nru.134591 (Triq Ħarruba); Nru. 134668 (Triq Ġuze' Ellul Mercer. - W073) ittieħdu l-passi meħtieġa.

3.3 Rigward ilment 26/10-1 fuq parkeġġ bl-addoċċ fi Triq Richard Taylor u anke fuq il-bankina l-iżjed filgħaxija; il-Kunsill sejjer jieħu passi.

3.4 Rigward ilment Nru. 133956 li fi Triq in-Naxxar hemm it-tappieri li minnhom ħiereġ id-drenaġġ u dan kull meta tagħmel ix-xita; il-Kunsill diġa kiteb lill-Ministru kkonċernat fuq din il-problema.

3.5 Rigward ilment Nru. 2133973 dwar it-tappiera tad-drenaġg fi Triq Razzett L-Aħmar li nieżla u saret ħofra; Il-Kunsill ħa ħsiebha u intliet bl-asfalt.

3.6 Rigward talba Nru. 27/10-1 biex issir linja safra quddiem il-blokka bini "La Mirage" fi Triq Erin Serracino Inglott. Dan għaliex qed jipparkjaw maġenb il-garaxx fl-ispazju daqs karozza żgħira u minn joħroġ mill-garaxx ma' jkunx jista' jara min hu tielgħa jew nieżel. Il-Kunsill sejjer jinvestiga din it-talba.

3.7 Dwar ilment Nru. 27/10-2 dwar il-problema tal-ilma kull meta tagħmel ix-xita, dan ir-resident qed jidħollu l-ilma minħabba l-karozzi li jipparkjaw mal-bankina u jrid li ssir linja safra. Il-Kunsill huwa konxu mill-problema u jara x'jista' jsir.

3.8 Dwar ilment Nru. 29/10-1 biex jimtlew żewġ ħofor quddiem residenza fi Triq Karm Vassallo. Il-Kunsill diġa ħa passi.

3.9 Rigward talba Nru. 01/11-1 biex issir 'sleeping-policeman' fuq nett ta' Triq Ġużeppi Calleja għaliex il-karozzi qed iduru sparati minn Triq Alfons Maria Galea. Il-Kunsill qed jikkunsidra din it-talba.

3.10 Rigward rapport Nru. 134383 li fi Triq Ħwawar ġo għalqa hemm annimal mejjet u qed jagħmel intejjen kbar. Wara li l-Kunsill kien infurmat mill-Pulizia tan-Naxxar dwar dan, il-Ħadd stess dan tneħħa.

3.11 Rigward talba Nru. 03/11-1 dwar tabella fi Triq Richard Taylor li saritilha l-ħsara u qed jipparkjaw fejn mhux suppost. Il-Kunsill ħa passi u tranġat.

3.12 Rigward talba Nru. 03/11-2 bix tinżebaħ kaxxa safra quddiem garaxx ta' resident fi Triq Ċensu Busuttil għaliex qed jipparkjawlu eżatt mal-garaxx peress li huwa persuna b'diżabilita'. Il-Kunsill sejjer jinvestiga dan il-kaz.

3.13 Rigward talba Nru. 04/11-1 biex tiżdied tabella tal-ħinijiet fi Triq in-Naxxar fl-inħawi tal-kantuniera ma' Triq Dun Karm Service Road għaliex m'hemmx waħda fin-nofs. Il-Kunsill sejjer jieħu passi.

## 4. ĦLAS TA' KONTIJIET U NFIQ IEĦOR.

4.1 Is-Segretarju ressaq lista ta' kredituri kif tidher annessa f'dokument immarkat D.

4.2 Is-Sindku Anthony Dalli 'mbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa. Issekondah il-Viċi-Sindku Yvonne Bartolo u wara kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

## 5. MATERJI KONNESSI MA' L-AWTORITA` TA' L-IPPJANAR.

5.1 l-Kunsillier Margaret Zammit għaddiet it-tagħrif dwar il-kontenut ta' l-applikazzjonijiet jew deċiżjonijiet li ttieħdu fl-Awtorita' ta' l-Ippjanar mill-aħħar laqgħa tal-kunsill.

5.2 Dwar PA 03007/10. Sit fi Triq Gharghur. Biex tinbena swimming-pool. L-applikazzjoni ġiet approvata.

5.3 Dwar 05720/09. Casa Bonnici, North and South, Triq il-Wied. Alterazzjonijiet fid-djar semi-detached ġa eżistenti u żieda ta' sular ieħor. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi rifjutata.

5.4 Dwar PA 03147/09. 109, ICC, Triq Geronimo Abos. Bdil tal-ġeneru minn garaxx għal-ħanut tal-Computers u twaħħil ta' tabella u approvazzjoni tal-garaxx kif inbena. L-applikazzjoni ġiet approvata.

5.5 Dwar PA 00412/10. 118, Triq Patri Anastasju Cuschieri c/w Pjazza Ninu Cremona. Tinħatt id-dar preżenti u jinbnew garaxxijiet semi-basement, appartament mat-triq , l-ewwel u t-tieni appartament, u penthouse mas-sular tal-bejt. L-applikazzjoni ġiet approvata.

5.6 Kien hemm applikazzjoni ġdida:
PA 04595/ 10. Tiġdid ta' Permess PA 4325/05 biex jinbena it-tieni sular. 9, Graziella, Trejqet ir-Rumanzieri

5.7 Il-Konsulent tekniku tal-Kunsill talab biex nagħmlu oġġezzjoni fuq applikazzjoni Nru. PA 04595/10 minħabba nuqqas ta' parkeġġ.

## 6. ĦLAS MILL-FONDI SPEĊJALI.

6.1 Is-Sindku Anthony Dalli beda biex irrrefera għal-Kont Fiss ta' €40,208.98 li kien qed jinżamm taħt il-Fondi Speċjali biex jintuża għal-xogħlijiet speċifiċi.
Peress li dan l-aħħar sar xogħol ta' kisi bit-tarmac fi Triq Geronimo Abos li laħqet is-somma ta' €40,043 il-Kunsill kien tal-fehma li l-flus li kellu fil-kont fiss jintużaw għal dan l-iskop.

6.2 Wara li 'ntalab il-parir tal-Accountant tal-Kunsill fejn dan irrefera għal-ċirkulari Nru. LCD 2/1994/Vol 11 bid-data tad-9 ta' Jannar 1996 tad-Dipartiment tal-Kunsill Lokali, fejn il-Kunsill kien ħa fondi ta' €73,666 ( LM31625) (fond-e1) biex jintużaw għal "Tiġdid ta' Toroq" u speċjalment għal-Triq Geronimo Abos. L-accountant qal li dawn kienu approvata wkoll taħt ċirkulari oħra LCD 2/1994/21 bid-data tal-25 ta' Ġunju 1999. (Kopji Annessi E & F).

6 .3 Mis-somma ta' €73,666 kien baqa €40,298.98 u l-Accountant ikkonferma li dawn stajna nużawhom għal pagament ta' Triq Geronimo Abos.

6.4 Wara lis-Sindku Anthony Dalli reġa spjega lil kulħadd l-implikazzjoni tat-trasferiment ta' dawn il-fondi, hu kien qed jipproponi li nużaw il-fondi ta' €40,043.98 biex jiġu trasferit għal-ħlas tax-xogħlijiet ta' Triq Geronimo Abos; kien issekondat mill-Viċi-Sindku Yvonne Bartolo.

Għal din il-proposta sar qbil unanimu li nimxu b'dan il-mod. Għaldaqstant il-fondi jiġu trasferiti fil-kont kurrenti meta jagħlaq il-kont fiss fit-30 ta' Novembru 2010.

## 7 QUARTERLY FINANCIAL REPORTS APRIL-ĠUNJU/ LULJU – SETTEMBRU 2201.

7.1 L-Accountant tal-Kunsill, is-Sur Patrick Caruana, kien preżenti għal din l-laqgħa u ippreżenta r-Rapporti tat-Tieni u it-Tielet kwart tas-sena.

7.2 Is-Sur Caruana mar mill-ewwel fuq it-tielet Rapport fejn taha rendikont tad-Dħul u l-Ħruġ kollu li sar matul dan il-perjodu. Hu għamel referenza għad-dħul ta' €52004.98 li kienu flus trasferiti mill-fondi speċjali.

7.3 Dawn ġew riflessi fil-paragrafu ta' Spejjez Kapitali taħt item
7500 "Special Programmes". Taha spjegazzjoni wkoll fid-dettall.
7501 tal-ħruġ kollu li sar.

7.4 Hu qal ukoll li l-Kunsill Lokali kellu bilanċ favorevoli ta' €24,556.21.

7.5 Is-Sindku Anthony Dalli staqsa jekk kienx hemm aktar mistoqsijiet u jekk hux kulħadd kien qed jaqbel. Dawn ġew approvati unanimament.

## 8. ĦSARA FIL-ĦAJT FI TRIQ ĠUŻE ELLUL MERĊER (Ħejn il-kamra tal-Enemalta

8.1 Is-Sur Dalli irrefera għall-ħsara li kien hemm fuq dan il-ħajt li kien qed jeqleb il-barra bil-konsegwenza li seta' jisfronda.

8.2 Wara lis-Segretarju kiteb lill-periti tal-Kunsill u dawn għamlu spezzjoni tal-ħajt , huma ġabu l-permess meħtieġa mingħand il-Mepa biex isir ix-xogħol ta' tiswija.

8.3 Is-Sindku Anthony Dalli talab biex wara li nitkellmu mal-Enemalta fuq l-arblu li hemm jistrieħ ma' l-istess ħajt; u nitkellmu ma' tal-Agrikoltura minħabba s-siġra li hemm fin-nofs, imbagħad nġibu stima tax-xogħol li jrid isir.

Kullħad qabel li nimxu b'din il-proċedura.

## 9. ILPROĠETT TA' TRIQ IL-WIED.

9.1 Is-Sur Dalli ħabbar li kienu tlestew il-pjanti tal-proġett ta' Triq il-Wied. Dan kien proġett li ried jidħol għalih il-Kunsill Lokali iżda l-ispejjez kienu kbar wisq biex il-proġett isir f'darba.

9.2 Dan kien proġett ta' Traffic Management aħjar f'din it-triq il-

kienet l-iżjed waħda traffikuża fl-Iklin. Wara li ġew ippreżentati l-pjanti lill-Awtorita' Trasport Malta, u wara li sar xi tibdil skond kif kien mitlub, dawn ġew approvati mill-istess Awtorita'.

9.3 Is-Sindku qal li għad irridu naraw minn fejn nistgħu nġibu l-fondi biex nimxu fuq dan il-proġett, iżda dan jista' jsir biċċa biċċa. Fondi jistgħu jinkisbu wkoll minn Fondi Speċjali li joħroġ id-Dipartiment minn żmien għal żmien.

9.4 Skond il-Periti tagħna issa kien jonqos li ssir applikazzjoni DNO mal-Mepa.
Għaldaqstant wara li kien sar qbil unanimu fuq dan il-proġett, Is-Segretarju intalab jipproċedi mal-Periti għall-permessi meħtieġa.

**10. KUMNIKAZZJONI MIS-SINDKU.**

10.1 Is-Sur Dalli beda biex irrefera għal-ħatra ta' Dun Karm Aquilina, li sejjer jispiċċa minn Kappillan tal-Iklin u kien sejjer jieħu l-pussess ta' Monsinjur effettiv fil-Katidral.
Hu kien qed jissuġġerixxi li nagħtuh plattin tal-fidda bl-arma tal-Kunsill u bi kliem ta' ringrazzjament f'isem il-Kunsill Lokali. Kulħadd qabel ma' din il-proposta.

10.2 Is-Sindku qara email li rċieva l-Kunsill mingħand Gaba Diamonds biex jinstallaw Gazebo quddiem il-ħanut tagħhom fi Triq Dun Karm Service Road is-Sibt 27 ta' Novembru bejn l-16.00pm u s-2.00am.
Il-Kunsill ma' jsibx oġġezzjoni sakemm jiġu nfurmati il-Pulizija tad-distrett u jkun hemm membru tal-Pulizija għal "Bon Ordni".

10.3 Qal ukoll li l-preparazzjonijiet tal-Milied mexjin il-quddiem speċjalment il-"Presepju Ħaj' li jsir fiz-zuntier tal-Knisja. Din l-attivita' ssir il-21, 22 u 23 ta' Diċembru.

**11. AĠĠORNAMENT**

11.1 Il-Kunsillier Ronnie Cauchi għamel l-intervent tiegħu u staqsa jekk kiex hemm deċizjoni fuq is-"Sustainable Energy Action Plan". Ir-Rapporti kienu waslu u riedet tittieħed deċizjoni dwarhom.
Staqsa fuq il-Wifi ġdid tal-Kunsill u jekk bediex jiffunzjona. Is-Sindku qallu li għad irid jiġi rappreżentant tal-Ministeru biex japprova li dan isir fil-kamra li għandu l-Kunsill fi Triq Ġuże' Ellul Mercer.
Hu staqsa wkoll fuq id-dawl li hemm faċċata tal-ħwienet fi Pjazza Ninu Cremona li kien mitfijin. Dawn għad iridu jissewwew mill-Electrician li ordna xi partijiet għal-lampi.

8.1 Peress li ma kienx hemm iżjed x'niddiskutu, l-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-6.45pm u kien hemm ftehim li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 22 ta' Novembru 2010 fil- 5.30pm.

9.3 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt il-laqgħa tal-Kunsill ta' nhar it-Tnejn 22 ta' Novembru 2010 fil-5.30pm.

**Anthony Dalli**
Sindku

**Alfred Naudi**
Segretarju Eżekuttiv